**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 12**

L-Erbgħa, 15 ta' Lulju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

## PREŻENTI

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet l-Onor. Owen Bonnici u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà l-Onor. Glenn Bedingfield kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Beppe Fenech Adami kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat l-Onor. Julia Farrugia, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Fleur Abela, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Bernice Bonello, l-Onor. Beppe Galea u l-Onor. George Vital Zammit kienu skużati.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg u l-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 11 li saret fl-14 ta' Lulju 2026 kienu kkonfermati.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 213 — Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Joseph Muscat et vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fl-24 ta' Ġunju 2026 (Rikors Numru 1/2024 JVC); u

P.L. 214 — Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 6 li saret lis-Sedja mill-Onor. Graziella Galea dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari li fihom l-Onor. Interpellant jintalab jagħmel il-mistoqsija lill-ministru kkonċernat.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 76 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 215 Tagħrif dwar istituzzjonijiet ġodda li applikaw għal liċenzja biex joffru programmi edukattivi online jew blended fl-2025 u l-2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1072;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 216 Rapport annwali ta' Heritage Malta għas-sena 2025; u

f'isem il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 217 Tagħrif dwar permessi ambjentali maħruġa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għal dispożizzjoni ta' skart ta' kostruzzjoni fil-baħar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1186.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, informa lill-Kamra li kien irċieva notifika miċ-Chairman tal-Isports Commercialisation Board li, b'referenza għall-konċessjoni mogħtija lil Sliema Wanderers FC permezz tar-Riżoluzzjoni 367 mgħoddija mill-Kamra fis-seduta 343 tad-19 ta' Mejju 2025, il-Club kien informah li kien hemm tibdil fl-ultimate beneficial owner (UBO) tas-soċjetà terza li kienet topera l-attività kummerċjali taħt l-istess konċessjoni. Huwa qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 218 Notifika mibgħuta miċ-Chairman tal-Isports Commercialisation Board lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport fis-26 ta' Ġunju 2026 dwar bdil fl-ultimate beneficial owner (UBO) tat-third party li jopera l-attività kummerċjali marbuta mal-konċessjoni mogħtija lil Sliema Wanderers FC; ittra datata 26 ta' Jannar 2026 mibgħuta minn Sliema Wanderers FC indirizzata lill-Isports Commercialisation Board; dikjarazzjoni mill-kumpanija tal-awdituri datata 25 ta' Ġunju 2026 dwar l-istess tibdil, u email datata 7 ta' Lulju 2026 mibgħuta mill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport lill-Ispeaker tal-Kamra dwar talba għal gwida proċedurali fuq l-istess tibdil.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-UGWALJANZA – ABBOZZ 3**

Il-Kamra rriżumiet mill-14 ta' Lulju 2026 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Clint Azzopardi Flores, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. John Grech, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Miriana Calleja Testaferrata De Noto, l-Onor. Romilda Zarb, l-Onor. Conrad Borg Manché, l-Onor. Francesca Zarb, l-Onor. Ian Vassallo, l-Onor. Franco Mercieca u l-Onor. Rosianne Cutajar.

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 219 Tagħrif dwar il-European Network of Equality Bodies (Equinet) meħud mill-website tal-European Network of National Human Rights Institutions (ENNHRI).

L-Onor. Ivan Castillo ta spjegazzjoni għalfejn l-Oppożizzjoni kienet ser tivvota favur dan l-Abbozz minkejja li ma kenitx taqbel ma' ċerti dispożizzjonijiet.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex tiġi mwaqqfa l-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza u sabiex jipprovdi għal materji oħra anċillari u konsegwenzjali għall-istess" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili talbet il-permess sabiex tressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili ppproponiet li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.02 p.m. il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Mozzjonijiet</u>**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-investiment Dirett Barrani | Tieni Qari |
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta | Votazzjoni |

| | |
|---|---|
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Jobsplus għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2026 | Votazzjoni |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard

------------------------

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Marilena Gauci u mill-Onor. Norma Camilleri.

Fis-7.30 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ALEX MUSCAT**
**MEMBRU MAĦTUR BIEX**
**JIPPRESIEDI L-KAMRA**
**SKONT L-O.P. 151**